MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 656/2001/1

**Abraham Curmi**

**vs**

**Maximillian Agius**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-2 ta’ Lulju, 2001 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jersaq ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnu kkagunati u subiti mill-attur subiti in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Marsa fit-22 ta’ Frar 2001 meta waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru CAQ 341 habat mal-vettura numru CBA 594, proprjeta’  tal-attur – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident huwa kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u in osservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Marzu, 2001 dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Mejju, 2001, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza, jigi dikjarat li d-danni tal-attur jeccedu l-valur ta' elf u hames mitt lira (Lm1500) izda mhux il-hamest elef lira (Lm5000).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti Maximillian Agius huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu, billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma saritx b'tort ta' Maximillian Agius pero' b'tort ta' Abraham Curmi kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti m'huwiex responsabbli ghal ebda hlas ta' danni;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq premess id-danni reklamati huma esagerati.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda ncident stradali illi gara l-Marsa fit-22 ta' Frar, 2001 bejn Isuzu pick up CBA 594 misjuq mill-attur u truck jigbed container bin-numru CAQ 341 misjuq mill-konvenut. L-incident gara f'tarf in-nizla ta' wara c-cimiterju quddiem il-bitha ta' wara tal-fabbrika Interprint, fejn it-truck misjuq mill-konvenut tilef il-kontroll,

inqaleb u kkawza danni kbar fuq il-vettura ta’ l-attur illi giet sussegwentement iddikjarata bhala “*beyond economical repair.”*

L-ewwel li ma xehed f’din il-kawza huwa s-surgent li nvestiga l-kaz PS 1382 Joseph Agius fejn xehed fost affarijiet ohra li t-*truck* bil-*container* kien niezel in-nizla fi Triq Garibaldi l-Marsa. It-*truck* tilef il-kontroll, u l-*container* iswingja u habat mal-karozza bin-numru tar-registrazzjoni CBA 594 illi dak il-hin kienet wieqfa wara l-*stop sign*. Il-konvenut qallu illi kien qed isuq dan it-*truck* b’*container* warajh u f’daqqa wahda hass li beda jitlef il-kontroll tat-*truck*. Jaf li l-*container* beda jintefa lagemba, ma jafx x’gara izjed. Jaf biss li habat ma’ xi haga.

L-attur qallu li kien wieqaf wara l-*stop sign* u jara l-*container* gej fuqu. Bid-daqqa li tah, il-vettura tieghu ntefghet il-barra mill-*stop sign*. Din il-versjoni hija konformi ma’ l-istqarrija tas-sewwieqa dak il-hin ta’ l-incident, liema stqarrija tinstab a fol 18. Il-Qorti tirrileva wkoll illi fil-versjoni tal-Pulizija a fol 19 is-surgent kellu jirrimarka fuq il-kondizzjoni tat-tyres tat-*truck* li kien qed isuq il-konvenut, tant illi jghid *“……two of the rear wheels of the carriage holding the container were completely smooth.”*

L-attur a fol 21 ighid illi huwa kien wieqaf wara l-*stop sign* meta ra t-*truck* tal-*container* gej b’certa velocita’ u kkalkola li kien ser jilhqu u ghalhekk waqaf wara l-*stop sign*. Irrealizza li s-sewwieq kien qed jitlef il-kontroll tat-*truck* u tat-*trailer*, ipprova jdur il-kantuniera li hija pjuttost iebsa u ma darx u tah daqqa bit-tarf tal-*container* u spicca mas-sigar. Ra l-*container* jinqabel u jibqa’ sejjer mal-hitan tal-fabbriki.

Il-versjoni tieghu hija korroborata b’dik ta’ Joseph Anthony Cini a fol 58 fejn qal li huwa kien wieqaf gol-van tieghu *station wagon Morris Marina* u quddiemu kien hemm l-attur Abraham Curmi, wieqaf bil-van *Isuzu* u ra *container* miexi u qabad l-imsemmi van Isuzu u gibdu u wara nqaleb ghal fuq il-van u tefa’ l-van fuq il-bankina.

Rokku Agius a fol 29 ighid illi huwa kien qed isuq *trailer* quddiem dak tal-konvenut *"meta wasalt f'tarf ta' Triq Garibaldi biex indur lejn ix-xellug, hemm hekk hemm stop sign. Jiena avvicinajt l-stop sign, u hemm rajt it-truck ta' l-attur illi waqaf sabiex icedili u hallieni nghaddi u bqajt hiereg. X'gara warrajja pero' jiena ma nafx."* Wara l-incident Agius kellem lill-konvenut fejn dan ta' l-ahhar qal illi ra lill-attur beda hiereg minn wara l-*stop sign*.

Ghal dawk illi huma d-danni, kif gia nghad il-vettura ta' l-attur giet dikjarata *"beyond economical repair."* L-attur xtara l-vettura fl-24 ta' Awissu, 1998 ghas-somma ta' elfejn u tminn mitt lira (Lm2,800). Is-*surveyor* Natalino Agius a fol 74 stima l-*pre accident value* ta' l-istess vettura fis-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000). L-attur xehed ukoll illi kellu konsenja ta' helu b' *expiry date* xahrejn wara l-incident (fol 71). Barra l-merkanzija li kellu fil-vettura kellu xi haga wkoll fil-*garage*. Minhabba dan l-incident u peress illi ma giex moghti *replacement vehicle*, l-merkanzija skadiet u kellu jarmiha. Il-Qorti pero' tinnota illi l-kumpanija assikurattrici baghtet *surveyor* biex jara din il-merkanzija.

Is-*survey* sar l-ghada ta' l-incident fit-23 ta' Frar, 2001 minn David Curmi fejn a fol 44 hemm ic-certifikat tieghu. Curmi rrileva illi minkejja illi l-vettura ta' l-attur sofriet hsarat konsiderevoli fuq in-nahha ta' quddiem u l-kabina, l-*back loading area* baqghet kwazi ntatta. Kkonkluda illi *"the consignment of confectionery items suffered no damage other than the fact that certain items became loose as a result of the impact. It is our considered opinion that in view of the fact that Mr Curmi is a hawker, he would not encounter any problems in realizing the full retail price of all the items."*

L-attur pero' jippretendi risarciment tal-merkanzija kollha fl-ammont ta' elf u tlett mitt lira (Lm1,300). Oltre dan ghandu l-ispiza tat-*towing* fol 76 tletin lira (Lm30) u s-*survey fee* fol 77 hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50).

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda r-responsabbilta’ l-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju illi ghal dan l-incident ghandu jahti unikament u esklussivament il-konvenut. Fil-fehma ta’ din il-Qorti ma rnexxielhux jipprova illi kien hemm xi fattur kontributorju minn naha ta’ l-attur. Hu probabbli illi l-konvenut kien qed isuq b’velocita’ eccessiva ghal kondizzjoni tat-triq u l-vettura illi kien qed isuq, biex meta wasal f’tarf il-kantuniera illi hija wahda iebsa ma setax jikkontrolla t-*truck.* Barra minn hekk il-Qorti ma tridx tinsa illi rrizulta wkoll illi tnejn mir-roti ta’ wara tal-*carriage* illi fuqu kien hemm il-*container* kienu lixxi kompletament, fejn allura kkontribwew mhux ftit ghal dan l-incident.

Bhala sewwieq kellu jkun responsabbli bizzejjed sabiex jara illi ma jsuqx xi vettura illi ma tkunx tajba ghat-triq u b’dak il-piz u kobor zgur illi zewg roti lixxi kompletament kienu ser jistiednu l-inkwiet. Il-konvenut ma rnexxielhux jipprova illi l-attur hareg minn wara l-*stop sign*. *A tempo vergine* kien kategoriku fil-versjoni tieghu ta’ l-incident u lanqas lis-surgent li nvestiga l-kaz ma rrizultalu illi l-attur hareg minn wara l-*stop sign*. Barra minn hekk hemm ix-xhieda okulari ta’ Joseph Anthony Cini illi kien wara l-attur li rah wieqaf u ra l-*container* jaqa’ ghal fuqu.

Rocco Agius illi kien qed isuq it-trailer ta’ quddiem ukoll xehed illi ra l-attur wieqaf wara l-stop sign sabiex icedilu u allura l-Qorti ssibha inverosimili illi wara dan l-att ta’ kortesija minn naha ta’ l-attur kien ser jaqbad u johrog hekk kif jara t-tieni *trailer* javvicina.

Ghalhekk il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju illi ghal dan l-incident il-konvenut ghandu jwiegeb peress illi kien qed isuq b’mod imprudenti li kien il-fattur ewlieni ta’ dan is-sinistru.

Ghal dawk li jirrigwardaw id-danni, minkejja li Natalino Agius a fol 74 stima l-vettura ta’ l-attur fl-ammont ta’ tlett elef lira (Lm3,000) il-Qorti ma jidhirlhiex illi ghandha taghti dan l-ammont meta l-attur xtara l-vettura ftit zmien qabel fl-ammont ta’ elfejn u tminn mitt lira (Lm2,800). Il-Qorti mhuwiex xi post ghal spekulazzjoni fejn persuna jirrikorri ghaliha biex jigwadanja iktar milli haqqha. Id-dannu li

sofra l-attur ma jistax jaccedi l-ammont li huwa nefaq biex xtara l-vettura, minkejja illi jkun gust li jigu akkordati l-ispejjez li nefaq ghall-irmunkar u ghal *survey fee.*

Rigward il-valur tal-merkanzija, l-Qorti ma jidhrilhiex li hawn l-attur sofra xi dannu. Il-Qorti toqghod fuq il-konkluzzjoni tas-*surveyor* David Curmi fejn stqarr li l-attur ma kellhux ikollu diffikulta sabiex ibiegh l-oggetti ndikati. Barra minn hekk, il-Qorti tinnota illi l-vettura ta' l-attur involuta f'dan l-incident mhijiex vettura illi minnha jsir il-bejgh, izda biss it-trasport u f'xahrejn l-attur kellu jkollu kull opportunita' sabiex jaghmel l-arrangamenti bizzejjed ghal bejgh tal-merkanzija, li wara kollox ma gietx danneggjata.

Hu principju assodat fil-qasam ta' l-assikurazzjoni li l-attur ghandu d-dover li jimminimizza d-danni u mhux jaqbad u jarmi l-merkanzija minghajr ma jkun ghamel xejn sabiex jipprova jpoggiha fuq is-suq. Ghalhekk ghal dawk li huma d-danni, l-Qorti sejra takkorda l-valur ta' elfejn u tminn mitt lira (Lm2,800) ghall-vettura, flimkien ma' dawk ta' l-irmunkar u tas-*survey fee*, kollox elfejn tminn mija u wiehed u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm2841.50).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident illi gara l-Marsa fit-22 ta' Frar, 2001 bejn il-vettura CBA 594 misjuqa mill-attur u CAQ 341 misjuqa mill-konvenut u dana minhabba traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' elfejn tmien mija u wiehed u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm2841.50) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------